**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**

**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jimmy Mifsud**

Numru: 8/2020

Illum 23 ta' Lulju 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Jimmy Mifsud,** ta' disgħa u tletin (39) sena, iben Mario u Michelina nee' Mercieca, imwieled ir-Rabat, Għawdex nhar it-22 ta' Ġunju 1980, residenti fil-fond Sunshine, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Rabat, Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 14480(G), akkużat talli nhar il-11 ta' April 2020, għall-ħabta ta' 17:45hrs waqt li kien qiegħed ġewwa Triq Patri Anton Debono S.J., Rabat, Għawdex u fil-viċinanzi;

1. Volontarjament ta n-nar lill-bini, vettura, għarix jew lok ieħor, iżda meta filwaqt ma jkun hemm ebda persuna filwaqt tal-ħruq jew volontarjament ta n-nar lill-materjal li jaqbad u dan il-bini, vettura, għarix jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna u dan bi ksur tal-Artikolu 317 tal-Kapitolu 9;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż aktar minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) u li saret għad-dannu ta' Christiana Vella u/jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u anke matul il-ġimgħat u x-xhur ta' qabel ġewwa r-Rabat, Għawdex u/jew f'dawn il-Gżejjer;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi talli għamel użu ta' xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat għal xi għan li ma jkunx dak li għalih ġie provdut jew xorta oħra naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nħargu minn provditur awtorizzat għall-użu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjoni jew tagħmir jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artiklu 18 tal-Kapitolu 9 u Artikoli 48(1)(D), 49(c) tal-Kapitolu 339 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna biża' lil Christiana Vella, li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġab ruhu b'mod li ta fastidju lil Christiana Vella u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(a) tal-Kapitolu 9;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi hedded bil-fomm jew b'mezzi oħra lil Christiana Vella u dan bi ksur tal-Artikolu 249(2) tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija Christiana Vella, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodiċi Kriminali u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-liġi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' Christiana Vella u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 381 u 382) datata 18 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha bagħat lill-imputat Jimmy Mifsud biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(1) Fl-Artikolu 317(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) Fl-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) Fl-Artikolu 251B(1)(2) kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att Nru II tal-2021; u 251C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(5) Fl-Artikolu 251A(1)(a)(b)(2)(4); u 251C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(6) Fl-Artikolu 249(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(7) Fl-Artikoli 17; 23; 27; 31; 382A; 383; 384; 385; 386; 412C 412D; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju 2021 (*a fol.* 383 u 384), ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-18 ta' Mejju 2021, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021 il-Qorti kkonċediet żmien lill-Prosekuzzjoni, lill-parte civile u lid-difiza sabiex jippreżentaw is-Sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat illi d-difiża ppreżentat is-Sottomissjoni tagħha bil-miktub fis-6 ta' Lulju 2021;

Rat illi fid-9 ta' Lulju 2021 il-Prosekuzzjoni ppreżentat is-Sottomissjonijiet tagħha bil-miktub.

Rat illi l-parte civile baqgħet ma ppreżentatx is-Sottomissjoni tagħha bil-miktub, minkejja li ngħatat il-fakulta' li tagħmel hekk.

Rat in-Nota ulterjuri tal-imputat Jimmy Mifsud tat-12 ta' Lulju 2021.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

**XHIEDA**

F'dan il-każ xehdu tnejn u għoxrin (22) xhud:

Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 87 et seq.), PS 676 Edelon Spiteri (a fol. 93 et seq.), Max Xuereb (a fol. 100), Dr. Daniel Vella (a fol. 196 et seq.), Christiana Vella (a fol. 226 et seq.), Saviour Farrugia (a fol. 244), Merga Cordina (a fol. 246 et seq.), Paul Cordina (a fol. 248 et seq.), Alison Mintoff (a fol. 250 et seq.), Sonia Ballucci (a fol. 252 et seq.), Perit Claude R. Mallia (a fol. 290), PS 664 Jason Xerri (a fol. 304 et seq), PS 698 Shaun Tabone (a fol. 308 et seq.), Marco Bonnici (a fol. 342 et seq.), Aaron Refalo (a fol. 344 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 347, PC 932 Louis Bigeni (a fol. 370 et seq.), ARO Darren Xerri (a fol. 372 et seq.), Francis Vassallo (a fol. 374 et seq.), Max Xuereb (a fol. 385 et seq.), Dr. Daniel Vella (a fol. 389 et seq.) u Christiana Vella (a fol. 393 et seq.).

**KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI**

**Apprezzament tax-xhieda**[1]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita' storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għal dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur

[1] Ara spjega dettaljata tal-Imħallef Aaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deċiż 6 ta' Frar 2020

għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita' storika mit-testimonjanza tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta' u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Cioe' li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip ta' evidenza tista' tiżvija lill-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali mnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, cioe' l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk

dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xhieda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarrku bħal xhieda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xhieda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarrġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xhieda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xhieda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero' li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xhieda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl- artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero', jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xhieda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[2] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitressqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet. Fil-każ Ingliż Majid,[3] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[4] jgħidu s-segwenti:

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown*

[2] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[3] ibid.
[4] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

> *Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja ntlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar 'il fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha, inkluż setgħet tara u tisma' lill-imputat

jixhed. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tat-testimonjanza tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xhieda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanti ħafna u għandu jingħata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod zvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni.

<u>**L-għodda biex tiddeċiedi**</u>

Il-Ġudikant li jkun se jiddeċiedi kif se jagħżel is-sikrana mill-qamħ? It-tweġiba nsibuha f'deċiżjonijiet li taw il-Qrati tagħna:

*Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[5]

F'deċizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-każ **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[6] l-Imħallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – hief forsi ghal ftit ecitament li jhossu xi xhieda meta jsibu ruhhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent izda jkunu qeghdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qeghdin jirrakkontaw episodju li ghalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi zghar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqghu ghalkemm, kif jghid l-appellant fir-rikors tiegħu, "zgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-kaz u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizzejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, ghalkemm kellhom okkazjoni jaghmlu hekk u ghalkemm setghu

[5] Appell Ċivili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deċiż** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imħallef Vincent De Gaetano u l-Imħallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

[6] Appell Kriminali Numru. 115/2006

jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaġa normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tiġi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti,* ***<u>billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.</u>***

**<u>*Presumption of facts* u provi ċirkostanzjali</u>**

Il-Qorti qabel tgħaddi biex tanalizza l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat tħoss li għandha tagħmel espozizzjoni dwar il-*presumption of facts* u l-provi ċirkostanzjali.

Fi kliem Sir Rupert Cross,

*Presumptions of fact* (praesumptiones hominis) *are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the*

*possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact.*[7]

Bħala eżempju ta' prova indizzjarja li minnha wieħed jista' jiġbed konklużjoni partikolari, l-istess awtur jagħti l-eżempju tad-drawwa (*habit*):

*The fact that someone was in the habit of acting in a given way is relevant to the question whether he acted in that way on the occasion into which the court is inquiring.*[8]

U fl-edizzjoni tal-2018 ta' **Archbold** jingħad hekk dwar preżunzjonijiet ta' fatt:

These are inferences which the court may draw from the facts which are established, but it is not obliged to draw.

For example where a defendant charged with handling stolen goods is found to be in possession of those goods without any explanation, this circumstantial evidence may give rise to a provisional conclusion that the defendant is the handler of those goods.

In some cases a rebuttable presumption of law imposes a legal burden of proof which must be satisfied to the requisite standard of proof in order to rebut the presumption, whereas

[7] Cross, R., Cross on Evidence Butterworths (London), 1979, p. 124. Ikkwotat mill-Prim Imħallef Vincent De Gaetano fl-Appell Kriminali Inferjuri Il-**Pulizija vs Louis Gauci Borda** deċiż 24 ta' April, 2002: Appell Nru 228/2001

[8] ibid. p. 40.

some presumptions merely impose an evidential burden. For example, the presumption that a machine was working properly may be rebutted by merely adducing evidence to the contrary: *Tingle, Jacobs and Co v. Kennedy* [1964] 1 W.L.R. 638. In contrast, in order to rebut the presumption, created by section 74(3) of the Police and Criminal Evidence Act 1984, that the defendant committed an offence of which he was convicted, the Court of Appeal has held that the defence must prove on the balance of probabilities that the defendant did not commit the offence: *Watson* [2006] EWCA Crim. 2308. Similarly, in *Miell* [2008] 1 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal treated s.74(3) as shifting the burden of proof onto the accused. In *C*[2011] 1 Cr.App.R. 17, however, the Court of Appeal, without reference to *Watson*, referred, at p.225, to s.74(3) as creating an "evidential presumption" and indicated that "if the defendant does adduce evidence to demonstrate that he is not guilty of the offence, it remains open to the Crown then to call evidence to rebut the denial". In *Clift* [2012] EWCA Crim. 2750 the Court of Appeal indicated that s.74(3) shifts the burden of proof to the defendant and that the prosecution is not required to prove to the criminal standard the matters covered by s.74(3). Equally, in *R. v. O'Leary* [2013] EWCA Crim 1371 the Court of Appeal held at para. 19 that, "The effect of section 74(3) is that the defendant bears the burden of proving that he did not commit the offence".

In *Zawadzka* [2016] EWCA Crim 1712, where evidence of a theft conviction committed in Poland by the defendant was admitted

in a murder trial, the Court of Appeal accepted that the judge should have directed the jury that if the defendant proved on the balance of probabilities that she had not committed the offence then the jury should 'dismiss it from their minds'.

Even where a presumption imposes a legal burden of proof, if the imposition of a legal burden of proof upon the defence would give rise to a violation of art. 6(2) of the ECHR it may be necessary to read down the relevant statutory provision under section 3(1) of the Human Rights Act 1998, in line with the principles that were considered at §§ 10-11 and 10-12, *ante*, such that it merely imposes an evidential burden. Indeed, statute may expressly impose the evidential burden of rebutting a presumption upon the defendant. For example, in relation to the evidential presumptions about consent which section 75 of the Sexual Offences Act 2003 created, s.75(1) provides that:

"… the complainant is to be taken not to have consented to the relevant act unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he consented, and the defendant is to be taken not to have reasonably believed that the complainant consented unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he reasonably believed it."

It appears that the effect of this provision is that the burden of disproving the relevant issue remains on the prosecution provided that evidence that is not merely "fanciful or

speculative" has been adduced to raise the issue: *Ciccarelli*[2011] EWCA Crim. 266.[9]

Huwa minnu li fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fiċ-ċirkostanzi u dan a bażi tal-possibbilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti għandha tqis provi ċirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegati reati. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-ġudikant jaċċerta ruħu li huma univoċi.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Jason Lee Borg**[10]', fejn kien ġie ritenut li provi jew indizzji ċirkostanzjali għandhom ikunu univoċi, cioe' mhux ambigwi. Għandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reati u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li huma l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu. Illi għalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot

---

[9] Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice – 2018 Sweet & Maxwell (London), para. 10-15, p. 617-618.

[10] Deċiża mill-Maġistrat illum Imħallef Consuelo Scerri Herrera.

lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**',

> "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.

**Archbold** jgħid:

> "*Where reliance has been placed by the prosecution on circumstantial evidence the proper approach is to determine whether a reasonable jury properly directed would be entitled to draw an adverse inference from the combination of factual circumstances by dismissing other possible explanations in relation to that evidence: Jabber [2006] EWCA Crim. 2694; G [2012] EWCA Crim. 1756. In London Borough of Haringey v. Tshilumbe, 174 J.P. 41, a senior environmental health practitioner for the local authority had affixed a hygiene emergency prohibition notice to T's premises. After the notice was affixed he returned to the premises and found a group of individuals sitting at a table eating food from plates and drinking from cans. It was alleged that T had failed to comply with the notice as he had continued to operate the premises as a food business. The magistrates held that T had no case to answer as the local authority had produced no evidence that the food and drink that were on the table had been provided to the occupants of the premises by T in the course of a food business. It was held that justices had been*

*wrong to find that there was no case to answer; it could be inferred from the circumstances that the premises were being used for a food business and the defendant should have explained himself at trial. Strong circumstantial evidence may be sufficient for the court to find a case to answer: Danells [2006] EWCA Crim. 628.*[11]

Illi din hija eżattament il-pożizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa ta' Jannar, 1998 fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti tħoss u tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħall-katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni[12].

**Il-fatti tal-każ**

Mill-provi ta' dan il-każ jirriżulta li nhar il-11 ta'April 2020 għall-ħabta ta' 5.45p.m. xi persuna/i kienu taw in-nar lil bieb ta' garaxx li jinsab fi triq Patri Anton Debono SJ, Rabat, Għawdex. Minn stħarriġ li sar fuq il-post kien irriżulta li l-bieb tal-garaxx li kien jifforma parti minn group ta' garaxxijiet kien ġie sgassat permezz ta' vettura u li wara li ġie sgassat, dan ingħata n-nar. Irrizulta li dan il-garaxx kien mikri lil Christiana Vella.

---

[11] Ibid. Pg. 533 para 8-119

[12] Il-Qorti fliet fid-dettal l-argumenti miġjuba fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Abdellah Berrard et** mogħtija mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera fid-19 ta' Mejju 2014

Illi minn xhieda prodotta ġie stabbilit, li Christiana Vella kienet ilha taf lill-imputat Jimmy Mifsud għal numru tas-snin, fejn huma kienu qrib ħafna ta' xulxin. Irriżulta wkoll li matul l-aħħar żminijiet, Christiana Vella riedet tnaqqas minn din il-ħbiberija, fatt li milli jidher Jimmy Mifsud ma' laqgħux sew.  Dakinhar li seħħ il-ħruq tal-garaxx, ftit qabel ma' seħħ dan il-ħruq, Jimmy Mifsud kien ċempel u hedded lil Christiana Vella.  Dwar din it-telefonata Christiana Vella kienet għamlet anke rapport fl-Għassa tal-Pulzija tar-Rabat, Għawdex.

Dakinhar stess li seħħ il-ħruq tal-garaxx, il-pulizija arrestaw lil Jimmy Mifsud minn ġewwa d-dar fejn kien joqgħod fix-Xagħra.  Meta ġie arrestat Jimmy Mifsud kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Isuzu pickup li kellu l-mera tal-ġenb tan-naħa tal-passiġġier nieqsa.  Il-Prosekuzzjoni ssostni li din il-mera li kienet nieqsa nstabet fuq ix-xena tar-reat u li kienet taqbel ma' dik nieqsa mill-vettura ta' Jimmy Mifsud.

Prova oħra prodotta hi li fil-ħin viċin tal-ħruq tal-garaxx, it-telefon ċellularli ta' Jimmy Mifsud kien fl-inħawi ta' fejn seħħ il-ħruq.  Ġie stabbilit ukoll li żebgha li nstabet fuq il-bieb tal-garaxx maħruq, hija waħda bajda simili għal dak li hu misbugħa bih il-vettura ta' Jimmy Mifsud.

**Il-verżjoni tad-difiża**

Id-difiża ppreżentat żewg Noti ta' Sottomissjonijiet, waħda qabel is-Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni (a fol 396 et seq.) u l-oħra bi tweġiba għall-punti mqajma mill-Uffiċċjal Prosekutur (a fol 439 et seq.).

Fl-ewwel Sottomissjoni ngħad:

*Illi Illi l-provi li ghandha quddiemha l-Qorti ghalhekk huma kollha provi indizzjarji u dana peress illi ma hemm l-ebda xhud okulari ghalkemm il-pulizija jikkontendu illi kien waqà s-suspett fuq l-imputat wara rapport li ghamlet il-parte civile. Madanakollu l-ebda xhud ma gie prodott mill-prosekuzzjoni sabiex jikkonferma dana kollu u allura dina l-Qorti ma tistax tistrieh fuq dina l-prova. Il-Qorti Inkwirenti kienet hatret bhala esperti lil Dr. Daniel Vella bhala espert tan-nar u lil Max Xuereb bhala espert tal-fotografija u biex jaghmel localization tac-cellulari tal-imputat, jaghmel download tal-konversazzjonijiet elettronici li ghaddew bejn l-imputat u l-parte civile, u download tà filmat mehud minn cctv camera fil-vicinanzi tal-post fejn allegatament sehh l-incident.*

*Illi l-unika li ghandha f'idejha l-prosekuzzjoni sabiex torbot lill-imputat mal-kummissjoni ta' dana ir-reat huwa iz-zebgha tà kulur abjad u tà kulur iswed li intsab fuq il-wicc tal-bieb tal-garage de quo, liema prova esponenti jissottometti bl-akbar rispett li dawn ir-rapporti tal-esperti ma jaslux biex jorbtu lill-imputat mal-allegat nar li ha fil-garage.*

*Dwar ir-rapport tal-espert Max Xuereb, l-esponenti ghandu dawn l-osservazzjonijiet x'jissottometti:-*

*(i)* *Dwar ic-cctv camera, l-espert Max Xuereb ma ta ebda indikazzjoni kemm boghod mill-post fejn allegatament sehh in-nar tinsab din ic-cctv camera li minnha ghamel download tal-filmat u l-stills ipprezentati fejn u f'liema triq hi nstallata. Facilment setà jaghti prova tà dan lill-Qorti*

*billi jindika minn google earth il-post fejn allegatament sehh in-nar u l-post fejn tinsab installata din ic-cctv camera, haga li m'ghamilx. Din il-Qorti ma zammitx access u fin-nuqqas tà prova tà dan, il-Qorti ma tistax taghmel deduzzjonijiet fejn u kemm boghod din ic-cctv camera tinsab mill-post tal-incident;*

*(ii) L-espert lanqas ma ta prova liema mill-vetturi li jidhru fil-filmat u fl-stills esibiti hi tà l-imputat. L-ahjar prova kellha u kienet tkun li jaghmel zooming tal-vettura u jigi identifikat in-numru tal-pjanca tal-vettura u dettalji ohra li jorbtu wahda mill-vetturi li jidhru fil-filmat u fl-istills mal-vettura tal-imputat. Fin-nuqqas tà prova cara, din il-Qorti ma tistax taghmel assunzjonijiet u torbot dak li jidher fil-filmat u fl-istills mal-vettura tal-imputat;*

*(iii) Dwar il-localization tac-cellulari tal-imputat, il-fatt li hareg li fil-hin tal-incident il-mobile tal-imputat kien jinsab f'radius tà bejn tlieta sa hames kilometri mill-post fejn sehh l-allegat incident, lanqas mhi prova fiha nnifisha li ghandha twassal biex torbot lill-imputat mà l-allegat incident.*

*Illi fir-rigward tar-rapport tal-espert Dr. Daniel Vella, hareg:-*

*(i) Illi t-tracci tà zebgha iswed mal-bieb huma f'livell notevolment aktar gholi mill-art tad-driveway tal-garage mill-gholi tal-parafangu tà quddiem tal-vettura tal-imputat. Mill-qisien mehuda mill-espert Max Xuereb jirrizulta li t-tracci tà zebgha sewda fuq il-bieb kien gholi tnejn u erbghin (42) pulzier mill-art filwaqt li l-parafangu tal-pickup truck huwa gholi mill-art sittax (16) il-pulzier. Barra minn hekk l-espert Dr. Vella kien car ukoll dwar il-kampjun taz-zebgha sewda mehud mill-*

*cover tal-mera tat-truck elevata mit-triq, it-teknika minnu wzata fl-analizi tà komparazzjoni ma waslitux biex jirnexxielu iqabbel pozittivament iz-zewg kampjuni flimkien. F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferi kemm ghar-rapport tal-espert Dr. Daniel Vella a fol. 212 u ghax-xhieda tieghu tal-20 tà Mejju 2021, dwar il-kamjun taz-zebgha sewda:*

***"…. l-iswed fil-hin li kelli u bl-apparat li kelli ma setax jigi stabbilit, jigifieri ma bediex itini signal u ma tanix signal, so I stopped, jigifieri s'hemmhekk kienet in-nomina tieghi*."**

*Ghalhekk m'hemm xejn x'jorbot il-marki taz-zebgha sewda fuq il-bieb tal-garage mal-parafangu tat-truck u lanqas mal-mera li giet elevata mit-triq mat-truck tal-imputat. L-imputat kien iddikjara fl-istqarrija tieghu li l-mera kien ilha mqaccta xi xaharejn jew tlieta qabel ma gie arrestat u nvesigat dwar l-allegat incident.*

*(ii)* *Illi l-kampjun taz-zebgha bajda, ghalkemm l-espert ikkonkluda li l-Kmpjun taz-zebgha mehud minn fuq it-truck u l-kampjun migbur minn fuq il-wicc tal-bieb tal-garage huwa tal-istess pigment titanium dioxide, meta l-espert gie mistoqsi fis-seduta tal-20 tà Mejju 2021, jekk hemmx differenza bejn iz-zebgha bajda tat-truck u zebgha bajda fuq vetturi ohra, huwa wiegeb: "**Imma, ehe, jekk issaqsini vetturi ohra tà zebgha bajda, dawn ukoll ghndhom pigment tà titanium dioxide, nghidlek iva, iva. Jigifieri vetturi ohra bojod ghandhom probabbilment l-istess, ghax ma nistax inkun mija fil-mija cert, imma t-titanium dioxide jintab ukoll fl-abjad tà hafna vetturi**."*

*(iii)* *Illi mkien ma jirrizulta mir-rapport tà dan l-espert jekk il-brix li nstab fuq il-wicc tal-bieb kienx brix frisk jew le.*

L-imputat iressaq dawn l-argumenti biex jattakka l-linja ta' investigazzjoni u provi tal-Prosekuzzjoni permezz tat-tieni nota ta' sottomissjonijiet:

***Il-Lokalizzazzjoni tac-cellulari.***

*"… il-prosekuzzjoni lanqas biss indenjat ruhha taghmel il-verifiki taghha tad-distanza li hemm mir-Rabat (Ghawdex) sax-Xaghra, li biex almenu tqis jekk din il-prova hix prova bizzejjed fil-kamp penali biex tasal li takkuza persuna u taddebitaha b'reati tax-xorta minn dawk li hemm fl-att tal-akkuza. F'dinja globalizzata u digitali huwa universalment maghruf li kull m'hi din id-distanza hi biss tà tliet (3) kilometri (https://www.distancefromto.net). Kull ma kellha taghmel il-prosekuzzjoni qabel ma baqghet tkompli ghaddejha taghfas fuq l-ewwel akkuza taghha fil-konfront tal-imputat kien kemm semplicement tidhol fis-sit elettroniku msemmi u kien ikollha r-rizultat (kopja tal-pagna relattiva tas-sit annessa u mmarkata 'A'). Mis-service providers li fuqhom saret il-localization tal-mobile tal-imputat mill-mobile antennae taghhom, taghti distanza tà bejn tlieta sa hames kilometri, cjoé distanza li taqà fil-parametru ossia cirkonferenza li tolqot iz-zewg lokalitajiet kemm dik tar-Rabat kif ukoll ix-Xaghra. Filwaqt li bhala prova din tikkorrobora dak li sostna l-imputat fl-istqarrija tieghu, minn naha l-ohra ma tikkostitwixxi lanqas prova indizjarja li l-imputat dak il-hin kien ir-Rabat u mhux ix-Xaghra.*

***Il-Marki fuq il-bieb tal-garage.***

*Dwar il-marki li nstabu mal-bieb tal-garage … jqanqlu dubbju serju kemm dawk il-marki li thallew huma tat-truck tal-imputat. B'referenza ghar-ritratti tat-truck a fol.166 tal-process il-prosekuzzjoni m'gharrfitx tispjega kif parafangu bhal dak li jidher fir-ritratt ma halla ebda marka tà zebgha sewda mal-bieb meta l-ewwel li ma kellu jahbat mal-bieb kien il-parafangu u mhux il-qafas tat-truck. Mal-bieb tal-garage ma nstabet ebda marka tà zebgha sewda tal-istess gholi tal-parafangu mill-art. Mill-qisien mehuda mill-espert Max Xuereb jirrizulta li t-tracci tà zebgha sewda fuq il-bieb kien gholi tnejn u erbghin (42) pulzier mill-art filwaqt li l-parafangu tal-pickup truck huwa gholi mill-art sittax (16) il-pulzier.*

*Ghallhekk anké bhala prova cirkostanzjali dawn il-marki li nstabu ma jistghu jorbtu l-incident la mat-truck tal-imputat u lanqas mal-imputat innifsu.*

***Il-mera li nstabet fit-triq.***

*Illi l-espert Dr. Daniel Vella kien car ukoll dwar il-kampjun taz-zebgha sewda mehud mill-cover tal-mera tat-truck elevata mit-triq u l-marka sewda mal-bieb tal-garage, it-teknika minnu wzata fl-analizi tà komparazzjoni ma waslitux biex jirnexxielu iqabbel pozittivament iz-zewg kampjuni flimkien. F'dan ir-rigward l-imputat jirreferi kemm ghax-xhieda tà Dr. Vella tal-20 tà Mejju 2021, dwar x'kellu xi jghid dwar il-kamjun taz-zebgha sewda:*

*"…. l-iswed fil-hin li kelli u bl-apparat li kelli ma setax jigi stabbilit, jigifieri ma bediex itini signal u ma tanix signal, so I stopped, jigifieri s'hemmhekk kienet in-nomina tieghi."*

*Ghalhekk m'hemm xejn x'jorbot il-marki taz-zebgha sewda fuq il-bieb tal-garage la mal-parafangu tat-truck u lanqas mal-mera li giet elevata mit-triq, mat-truck tal-imputat. L-imputat kien iddikjara fl-istqarrija tieghu li l-mera kien ilha mqaccta xi xaharejn jew tlieta qabel ma gie arrestat u nvesigat dwar l-allegat incident.*

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET

### L-ewwel imputazzjoni

**Volontarjament jagħti n-nar - artikolu 317(b) tal-Kap 9**

Skont in-Nota tal-Avukat Ġenerali qiegħed jibbaża l-ewwel imputazzjoni (1) fuq artikolu 317(b) tal-Kap 9.

Artikolu 317 jipprovdi:

***317.*** *Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il- bini, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk il-ħruq iqabbad band'oħra, il-piena ta' priġunerija għal għomru:*

*Iżda jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel -*

*(i) jekk hu seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix, jew lok li ħa n-nar mill-ħruq, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin;*

*(ii) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin;*

***(b) jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin***. (enfasi tal-Qorti)

Artikolu 318 jgħid:

***318.*** *Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin.*

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża mill-Imħallef Joe Galea Debono l-**Pulizija vs Valentine Sciberras** deċiża fil-11 ta' Jannar 2007 li trattat dwar ħruq b'mod volontarju:

*Illi l-appellant pero' jobbjetta ukoll li l-artikolu 316 (b) li fuqu tidher bazata l-ewwel imputazzjoni skond in-Nota ta' l-Avukat Generali (fol.210) u skond ma gie citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata,*

*ghandu bhala element essenzjali tieghu li s-soggett passiv tar-reat irid ikun persuna differenti w mhux l-akkuzat stess. In sostenn ta' dan iccita s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Superjuri) fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Desira "** [13.5.1999]*

*Fit-trattazzjoni orali tieghu, l-abbli prosekutur Dr. Tonna Lowell, issottometta li f'kaz li ma tirrizultax htija taht l-artikolu 316(b) tista' tinstab htija taht l-artikolu 317 jew 318 li huma reati komprizi w involuti fir-reat kontemplat fl-art. 316 (b).*

*L-abbli difensur Dr. Joseph Giglio pero' rribatta li se mai mhux l-artikolu 317 imma l-artikolu 318 hu applikabbli, imma f'kull kaz dan mhux reat kompriz u nvolut fl-artikolu 316.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi is-sentenza ta' **Joseph Desira** citata mill-appellant proprjament tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali u mhux tal-artikolu 316(b) in dizamina. B'dana kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti d-difiza ghandha ragun meta tissottometti li l-persuna li tkun gewwa l-lok jew bastiment li jinghata n-nar u cioe' s-suggett passiv tar-reat trid ikun differenti mill-persuna li attwalment tkun appikkat l-incendju w li konsegwentement ma jistax ikun applikabbli l-artikolu 316(b) invokat mill-Avukat Generali, ghaliex fuq il-lancja Lady Tess, meta gie appikkat in-nar, ma rrizulta li kien hemm hadd iehor hlief l-appellant innifsu li hu l-persuna li qabbad in-nar. Lanqas ma hu applikabbli, fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 317, ghax ma saret ebda prova li fil-bastimenti jew ingenji tal-bahar li kienu vicin il-Lady Tess u li spiccaw qabdu ukoll jew gew danneggjati bin-nar jew, addirittura*

*fil-bini tal-faccata, qrib fejn anki spiccaw waslu xi oggetti jaqbdu w li ntfew mill-ewwel Pulizija li wasal fuq il-post, kien hemm xi nies fihom, anki jekk, f'kull probbabilta', x'aktarx li fil-bini faccata tat-triq kien hemm xi nies. Imma l-probabbli mhux bizzejjed biex tirrizulta l-htija, trid issir il-prova sal-grad tac-certezza morali.*

*Invece tidher li tirrizulta fil-konfront tal-appellant l-imputazzjoni taht l-artikolu 318, li, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wahda kompriza w involuta fir-reat imputat lill-appellant mill-Avukat Generali, ghaliex tikkontempla proprju l-istess att materjali kontemplat fl-artikolu 316 ossia "**kull min jaghti volontarjament jaghti n-nar li bini, gharix jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316"** (ergo bastiment ukoll), pero' b'konsegwenzi inqas gravi ghax fil-lok ma jkun hemm hadd iehor u ma jkunx hemm il-perikolu li jaqbad lok iehor fejn ikun hemm xi persuna hemm gew. Fil-kaz ta' dar-reat, il-piena hija wahda inqas minn dik kontemplata fl-artikolu 316 u 317, u ghalhekk hu certament "reat izghar" li hu kompriz fl-ewwel imputazzjoni kif testwalment dedotta fit-termini tal-art.467 (4).*

*Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-aggravju ta' natura legali sollevat mill-appellant huwa gustifikat izda ma jwassalx ghall-assoluzzjoni kompleta, imma biss biex tinstab htija ta' reat minuri kompriz u involut kontemplat fl-artikolu 318 minflok dak addebitat lill-appellant taht l-artikolu 316 (b), kif ser jigi deciz f' din is-sentenza.*

Il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza barranija fejn trattat dan is-suġġett:

Lord Bingham of Cornhill qal*: 'in any statutory definition of a crime, 'malice' must, as we have already seen, be taken – not in its vague common law sense as 'wickedness' in general, but – as requiring an actual intention to do the particular kind of harm that in fact was done . . For it is essential to arson that the incendiary either should have intended the building to take fire, or, at least, should have recognised the probability of its taking fire and have been reckless as to whether or not it did so.'*[13]

*'Again, if you think that the prisoner set fire to the frame of the picture with a knowledge that in all probability the house itself would thereby be set on fire, and that he was reckless and utterly indifferent whether the house caught fire or not, that is abundant evidence from which you may, if you think fit, draw the inference that he intended the probable consequences of his act, and if you draw that inference, then, inasmuch as the house was in fact set on fire through the medium of the picture frame, the prisoner's crime would be that of arson.'*[14]

Lord Diplok qal*: 'I see no rational ground for excluding from conduct capable of giving rise to criminal liability, conduct which consists of failing to take measures that lie within one's power to counteract a danger that one has oneself created, if at the time of such conduct one's state of mind is such as constitutes a necessary ingredient of the offence. I venture to think that the habit of lawyers to talk of actus reus, suggestive as it is of action rather than inaction, is responsible for*

[13] REGINA V G AND R: HL 16 OCT 2003
[14] REGINA V HARRIS: 18 (1882) 15 COX CC 75

*any erroneous notion that failures to act cannot give rise to criminal liability in English Law.'*[15]

Mill-provi li fliet din il-Qorti jirriżulta li meta ħa n-nar ma kien hemm ħadd fil-*garage* u l-ħruq li seħħ ma kienx ta' periklu għar-residenti li joqogħdu fl-inħawi, kif xehdu huma stess f'dawn il-proċeduri.

Iżda meta wieħed juża t-tagħlim li siltet din il-Qorti fil-parti li trattat il-"**Presumption of facts u provi ċirkostanzjali"** u l-provi f'dan il-proċess ma jibqax dubju **li kien l-imputat li ta n-nar lill-post, il-fehma tal-Qorti f'din il-linja ssaħħet bil-prova tal-mera li nstabet fl-inħawi, fejn kif jista' l-imputat jitwemmen mill-Qorti li l-mera kienet inkisret ferm qabel u nstabet dakinhar hemmhekk** barra l-provi indizjarji l-oħra, il-lokalizzazzjoni taċ-ċellulari u l-marki fuq il-bieb tal-garage li attakkat id-difiża kollha jippuntaw lejn l-imputat bħala l-persuna li wettqet ir-reat u għalhekk se jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

**It-tieni imputazzjoni**

**Ħsara volontarja – artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9**

Il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Zahra**, fejn ġew elenkati l-metodi kif jista' jiġi determinat il-valur ta' ħsarat. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

*"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-*

---

[15] REGINA V MILLER: HL 17 MAR 1982

*finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

Dwar din l-imputazzjoni jqumu argumenti ta' natura legali dwar danni volontarji fuq il-proprjeta' ta' terzi. Ladarba l-ħsara qed jiġi allegat li saret bħala riżultat ta' inċendju mqabbad mill-imputat, allura l-Avukat Ġenerali ma setax jinvoka l-artikolu 325 bħala l-artikolu li taħtu setgħet tinstab ħtija. Fl-appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Mark Mizzi"**[16] [11.5.2006] il-Qorti qalet hekk :-

*"Illi l-kontenzjoni tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kienet li l-artikolu 325 ma japplikax ghal dawn il-fatti ghaliex l-actus reus ma jistax ikun dak ta' tqabbid ta' nar go dar, ghaliex dak ir-reat hu kopert b'artikoli ohra tal-ligi, senjatament bl-artikoli 316, 317 u 318 tal-Kodici Kriminali. Invece l-artikolu 325 indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, jipprovdi ghall-kazijiet ta' min volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli,* ***b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.***

[16] Liema deċiżjoni kienet abbraċċjata mill-Imħallef Joe Galea Debono fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Valentine Sciberras deċiża fil-11 ta' Jannar 2007 – Appell Nru. 244/06

*"Issa s-Sub-titolu IV tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, li jittratta dwar delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq hsarat fil-proprjeta', johloq diversi reati specifici w cioe' :- dak ta' hsara bi* ***spluzzjoni*** *doluza (art. 311,312,) dak ta' min izomm jew jaghmel* ***sustanza esplussiva*** *(art. 313); dak ta' min dolozament jikkonsenja jqieghed, jispara jew jisplodi xi* ***mezz letali*** *u cioe' kull haga imfassla sabiex, jew li ghandha l-kapacita' li tikkawza l-mewt, hsara gravi fuq il-persuna jew proprjeta' billi thalli johorgu jew jinfirxu, jew bl-impatt ta' kimici tossici jew agenti biologici, jew toxins jew sustanzi simili jew radjazzjoni jew materjal radioattiv (art. 314A); dak ta' min dolozament ikollu ghandu jew jaghmel uzu minn, jikkonsenja, ibiddel, jiddisponi minn jew ixerred* ***materjal nukleari*** *li jista' jqieghed f' perikolu il-hajja ta' haddiehor, ecc. (art. 314B); dak ta' min jaghti* ***n-nar*** *jew b'xi mod iehor jiddistruggi tarznar, bastiment tal-gwerra, mahzen tal-porvli, bacil pubbliku jew kamp ta' artillerija; (art. 315); dak ta' min* ***jaghti n-nar lil dar , mahzen, hanut , dar t'abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq*** *(art. 316); dak ta' min volontarjament* ***jaghti n-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, ecc.*** *(art. 317); dak ta' min* ***jaghti n-nar lil bini gharix jew lok iehor izda fil-waqt li ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa u dan il-bini, gharix jew lok iehor ikun qieghed b'mod li ma jistax iqabbad hruq f' bini, iehor, gharix jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa*** *(art. 318) dak ta' min* ***jaghti n-nar lil dwieli, qatgha imhawwla ta' sigar, munzelli, jew gemgha ohra ta' qmugh , qoton jew prodott***

***iehor simili**, ecc. (art. 319); dak ta' **espluzzjoni ta' mina** (art. 320); dawk ta' **wiri ta' dwal foloz** b'perikolu ghan-navigazzjoni u **qtugh ta' ktajjen** (art. 321, 322 u 323).*

*"Wara din il-lista ezawrjenti hafna li tikkontempla numru kbir ta' mezzi differenti kif wiehed jista' jikkaguna hsara lil persuni jew proprjeta', il-ligi fl-artikolu 325 tohloq speci ta' delitt residwali biex ikopri xi tip ta' hsara ohra li ma hix inkluza fl-artikoli dettaljati w specifici li jippreceduh u tghid testwalment :-*

*"(1) Kull min, **<u>B'MEZZI XORT'OHRA MINN DAWK</u>** <u>IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI TA' QABEL TA' DAN IS-SUB-TITOLU</u>, volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, jehel meta jinsab hati…." (sottolinear ta' din il-Qorti.)*

*"Illi l-appellat qed jissottometti – kif ghamel anki quddiem l-Ewwel Qorti b'success – li d-dicitura ta' dan l-artikolu ma thalli ebda dubju li biex jissussisti dan ir-reat, irid jigi uzat xi mezz differenti ghal kollox mill-mezzi elenkati b'mod ezawrjenti fl-artikoli ta' qabel.*

*"Din il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni. Dan ghaliex il-fatti li qed jigu addebitati lill-appellat huma proprju dawk li **ta nar** lill-**bini jew dar t'abitazzjoni** w b'hekk ikkaguna danni fil-proprjeta' tal-genituri tieghu. Kjarament dan l-agir li jaqa' taht ir-reat tal-incendju doluz hu espressament kopert b'xi wiehed mill-artikoli 316, 317 u 318 fuq imsemmija, skond ic-cirkostanzi li jirrizultaw. Igifieri l-legislatur haseb b'reat "ad hoc" taht id-diversi cirkostanzi kontemplati f'dawn it-tlitt artikoli ghall-agir addebitat lill-appellat u ghalhekk hawn ma jidholx l-artikolu residwali kontemplat fl-artikolu 325.*

*"…. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-"mezzi xort'ohra" imsemmija fl-artikolu 325 ma jikkomprendux l-ghoti tan-nar lil bini w abitazzjoni, ghax dan hu mezz kopert b'artikoli ohra "ad hoc"."*

Il-Qorti ssostni li biex tirriżulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-ħsara volontarja trid tkun ir-riżultat ta' xi mezz ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirriżulta li l-ħsara ġrat bħala konsegwenza ta' ħruq fuq il-proprjeta' mikrija lill-*parte civile*, reat kopert bid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 317 u/jew 318.

**It-tielet imputazzjoni**

**Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399 (Theddid ta' Reat u/jew Użu mhux xieraq ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika)**

L-element essenzjali għal sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 49(a) tal-Kap. 399 huwa li jkun sar theddid li se jsir xi reat u dan bl-użu ta' network jew apparat elettroniku.

L-artikolu 49(c) tal-Kap. 399 imbagħad jirreferi għal użu mhux xieraq tal-apparat elettroniku. Kif diġa kellha l-opportunita' din il-Qorti li tikkummenta fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francine Cini** *"użu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe użu, jew kull ħaga taħt il-kappa tax-xemx, magħduda kull offiża, insult jew kelma żejda, iżda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid,*

*estorsjoni u attivitajiet illeciti."*[17] It-theddid irid ikollu wkoll il-karatteristika fundamentali li jkun jipprospetta xi forma ta' ħsara inġusta.

Mill-provi mressqa l-Qorti mhix konvinta li tista' tinstab ħtija fil-konfront tal-imputat u ma tista' tirriżulta l-ebda ħtija taħt dan l-artikolu.

**<u>Ir-raba' u ħames imputazzjoni</u>**

**<u>Fastidju</u>**

**<u>Artikoli 251(A)(1)(2)(4), 251B(1)(2) u 251H(a)(b)(f)(g) tal-Kap 9</u>**

Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċizjoni fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Raymond Parnis**[18] deċiża fit-18 ta' Ġunju, 2009 fejn kien spjegat dan ir-reat fil-liġi Maltija:

> Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliż *"harassment"*) ġie introdott għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodiċi Kriminali.
>
> L-artikolu 215A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taħt it-tieni imputazzjoni. Il-liġi fis-sub-inċiż (2) tkompli

[17] Pulizija vs Francine Cini deċiża fl-24 ta' Lulju 2017

[18] Appell Nru. 97/09 deċiż mill-Imħallef Joe Galea Debono

tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-subinċiż (3) (c) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provdut li referenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wieħed jagħti qata': (*"alarming"*) jew idejjaq: (*"causing ..distress"*) lill-persuna. Minn din l-akkuża l-appellant ġie liberat.

Imbagħad l-artikolu 251B joħloq ir-reat ta' min bl-imġieba tiegħu jikkaġuna li ħaddiehor jibża' li ser tintuża vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tiegħu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imġieba tiegħu ser tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawn l-okkażjonijiet. Dan hu r-reat dedott fl-ewwel imputazzjoni li l-appellant instab ħati tiegħu. Hawnhekk jidħol l-istess kriterju enunċjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imġieba tagħha tkun dubjuża ("*whose course of conduct is in question*"), imissha tkun taf li ser tikkaġuna biża' f'ħaddiehor li ser tintuża vjolenza kontrieh f'xi okkażjoni jekk persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni. Jiġifieri hawn it-test hu wieħed oġġettiv tar-*reasonable man*. Hemm ukoll f'dan l-artikolu l-iskużanti kontemplati fl-artikolu 251 (3) (a) u (b) u dik li l-imġieba addottata mill-persuna akkużata kienet

waħda raġjonevoli għall-ħarsien tagħha jew ta' ħaddiehor jew għall-ħarsien tal-proprjeta' tagħha jew ta' ħaddiehor.

Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tgħid li riferenzi għall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna. (*"alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliż), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew *"harassment"*. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika u dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju aġir li jkun jieħu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati u delikati.

F'sistemi legali barranin ġie stabbilit li waħda mill-forom li jista' jieħu l-fastidju jew *harassment* hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliż *"stalking"*. Dan l-aġir jista' jkun provokat minn diversi raġunijiet jew *"patterns of behaviour"*. Jeżistu per eżempju każijiet ta' ***"rejected stalkers"*** fejn il-persuni konċernati jsegwu l-vittma bil-għan li jreġġgħu lura, jikkoreġu jew jivvendikaw ruħhom għal *"rejection"* mill-vittma tagħhom. Hemm każijiet ta' *"resentful stalkers"* li jkunu qed jippruvaw jagħmlu vendetta għax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-għan li jbeżżgħu jew jinkwetaw u jdejqu l-vittma. Jidher li l-aġir tal-appellant jinkwadra ruħu taħt dawn it-tipi ta' fastidju.

Kull tip ta' dan l-aġir pero' hu kalkolat li joħloq ċerta biża' f'dak li jkun b'mod li joħloq sensazzjoni li qed jiġi segwit u mpoġġi taħt ċerta pressjoni inġusta. Hu proprju dan li din il-liġi l-ġdida trid tipprojbixxi (Ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez"** [21.6.2007]**; "Il-Pulizija vs. Fabio Psaila"** [12.2.2009] u oħrajn).

Illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **'Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini"** [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliż *"Harassment")* ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bħala:-

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*

Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi kunsidrat *"in isolation"* b'referenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

*"….f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Għal dak li jirrigwarda r-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni, dan huwa r-reat ta' fastidju.

Il-prosekuzzjoni kienet taf li mill-provi li kellha ma kienx se jirnexxielha tipprova r-reat kontemplat taħt l-Art 251B(1), iżda kif ġara fi drabi oħra l-imputat jingħata din l-imputazzjoni biex iwieġeb għal dan ir-reat meta jkun ċar li ma tistax tinstab ħtija dwaru.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **Il-Pulizija vs Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed** deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016 fejn reġa' ġie affermat li biex jirriżulta r-reat taħt l-artikolu 251B(1) irid ikun hemm tal-anqas żewg okkażjonijiet biex tinstab htija dwar ir-reat tal-fastidju:

> *Din il-Qorti ilha sa mill-ewwel sentenzi tagħha dwar ir-reat ta' fastidju taħt l-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali li stabbiliet inekwivokabilment li inċident wieħed ma jammontax għal course of conduct skont dak l-artikolu. Inoltre, minkejja dak li ngħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha* ***P v Brian Micallef****, il-leġislatur anki sa llum baqa' passiv u ma interveniex*[19] *u għalhekk, għar-raġunijiet mogħtija f'dik is-sentenza, din il-Qorti tirriafferma dak konsistentement ritenut minn din il-Qorti dwar ir-reat imsemmi ta' fastidju li l-imġieba li għaliha jagħmel riferenza l-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali għandha tikkonsisti f'mhux inqas minn żewġ okkażjonijiet.* (enfasi ta' din il-Qorti)
>
> *Huwa minnu li fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***P v Mirko Giannetti*** *(21/2/2012),* ***P v Massimo Tivisini*** *(27/2/2009) u* ***P v Alan Caruana Carabez*** *(21/6/2007) jingħad li "r-reat ta' fastidju jrid neċessarjament jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli" iżda tenut kont li r-rekwiżit ta' tal-anqas żewġ*

[19] Il-fatt li għaddew snin mid-dikjarazzjoni li għamel il-President tal-Qrati u baqa' kollox l-istess huwa ta' tħassib u wasal iż-żmien li jsiru l-emendi neċessarji.

*okkażżjonijiet ta' aġir li jikkaġuna lis-suġġett passiv tar-reat "jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd ..." huwa parti integrali mill-element materjali tar-reat in kwistjoni dawn l-okkażjonijiet iridu jirriżultaw fil-grad li trid il-liġi ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni u mhux suffiċjenti li jkun hemm biss indikazzjoni vaga jew nebuluża tagħhom.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Ottubru, 2011 **Il-Pulizija v. Brian Micallef**[20] spjegat li**:**

Fil-kawża fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs Raymond Parnis** tal-24 ta' April 2009 … gie rilevat li r-reat *de quo* gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal- *Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta.

Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is-sentenza huwa fejn jingħad li l-frażi "on at least two occasions" tħallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illoġiku ma hux l-omissjoni tal-element imsemmi --- għaliex l-omissjoni ta' dak l-element hu loġikament indikazzjoni ċara li l-leġislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid-definizzjoni tar-reat tħallew il-kliem "on each of those occasions" minkejja l-

[20] Appell Nru: 442/2010

omissjoni tal-frażi "on at least two occasions". B'danakollu, la darba tħallew bħala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li għal min jaqrah jimplikaw li l-imġieba li għaliha hemm referenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f'aktar minn okkażjoni waħda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispożizzjoni penali, trid neċessarjament tagħti effett lit-tifsira naturali ta' dawk il-kliem, speċjalment in vista tal-inerzia tal-leġislatur biex jikkjarifika l-volonta' tiegħu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta. Għaldaqstant din il-Qorti, għar-raġunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imġieba li għaliha jagħmel referenza l-artikollu 251B(1) għandha tikkonsisti f'mhux anqas minn żewġ okkażjonijiet.

Għalkemm l-imputat qed jiġi akkużat b'reat li allegatament seħħ fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel il-11 ta' April 2020, il-provi li ressqet il-prosekuzzjoni jirreferu għall-messaggi elettronici esibiti a fol. 120 sa 146, li forsi ħlief għal uħud mill-konversazzjonijiet elettroniċi riportati li saru bejn l-10 u 11 ta' April 2020, il-kumplament bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jistgħu jitqiesu li jagħtu lok ghar-reat ta' fastidju jew *harassment*. Il-*parte civile* stess tikkonferma a fol. 236, li qabel l-allegat inċident tal-11 ta' April 2020: "**<u>Jien wieħed ghamilt rapport, qabel tal-garaxx, jiġifieri ma kienx hemm rapport iktar</u>**."

Minn dak li ntqal u mill-assiem tal-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, ma jirriżultax li l-imputat għandu b'xi mod jiġi misjub ħati tar-raba' u l-

ħames imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u dan peress li dawn l-imputazzjonijiet ma jirriżultawx.

## KUNSIDERAZZJONIJIET OĦRA DWAR IL-PIENA

Illi in linea ġenerali jibda biex jingħad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[21]

Illi ċ-ċirkostanzi ta' kull każ huma partikolari għal dak il-każ u normalment ivarjaw radikalment miċ-ċirkostanzi ta' kull każ ieħor. Huwa impossibbli għal-legislatur li jipprevedi dawn iċ-ċirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (għal kull reat) piena speċifika għal kull sensiela ta' ċirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

---

[21] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deċiż 28.11.2006.

Illi huwa proprju għalhekk illi għal kull reat il-Liġi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ, tipprova ssib dak il-bilanċ ġust bejn d-diversi skopijiet li għandhom jintlaħqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba ħatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni għandha ssir biex jiġi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-ġustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruħha l-Qorti tal-Appell Kriminali.

Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[22] daħlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

> Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
>
> (a) Retributtiv;
>
> (b) Preventiv; u
>
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.
>
> L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali

[22]Appell numru 96/2019 deċiż Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta' bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta' teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għall-biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta', b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħla tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta' tiġi kemm jista' jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta' titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorożita' dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta' milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan

soċjeta' li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**<u>aspett riedukattiv u rijabilitattiv</u>** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta' in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu nnifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wassluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta' bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **<u>effetti riedukattivi u korrezzjonali</u>** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta', billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża

b'għemilu.  F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

Il-Qorti tfakkar dak li stqarret fil-kawża fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joel Portelli** deċiża fit-18 ta' Ġunju 2019 u għalhekk dak mistqarr mill-Qorti japplika wkoll għal dan il-każ:

*Ir-relazzjonijiet tagħna fil-familja huma importanti ħafna f'ħajjitna għaliex il-familja għandha tkun l-ambjent fejn insibu lil min iħobbna u lil min inħobbu.  Il-familja hija l-post fejn għandek tħossok safe u fejn tista' tkun libera jew liberu taqsam ħajtek ma' dawk ta' madwarek.*

*Imma sfortunatament hawn ambjenti li huma eżatt il-kontra ta' dak li l-familja għandha tkun:  ambjenti fejn m'hemmx sliem, fejn nisa u tfal, u xi drabi anke irġiel, jiġu abbużati, imbeżżgħa, u anke umiljati minn xi membru ieħor tal-familja, kultant anke jispiċċaw vittmi ta' vjolenza ħarxa.*

*Il-vjolenza fil-familja hi mifruxa.  Hi fost l-agħar vjolenza li wieħed jista' jesperjenza għaliex hija vjolenza mwettqa minn min suppost iħobbok u suppost jipproteġik fid-dar;  il-post li suppost huwa l-aktar post fejn għandek protezzjoni f'ħajtek u fejn it-tfal jitgħallmu l-eżempji tajba biex jikbru f'adulti maturi.*

***<u>Il-vjolenza fil-familja hija dejjem ħażina u qatt ma tista' tiġi ġustifikata, kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-vjolenza</u>.*** *Il-vjolenza tfarrak lill-persuna li tkun qed tiġi attakkata;  tkissrilha l-*

*istima tagħha nnifisha; taqtagħha mill-kumplament tal-familja u xi drabi twassal għal mard serju u konsegwenzi koroh.*

*Vjolenza domestika mhix sempliċiment problema privata tal-familja li trid tinżamm wara bibien magħluqa, iżda sitwazzjoni pubblika li twassal għall-problemi fis-soċjeta'. Tħalli impatt fuq setturi varji, waqt li twassal ukoll għall-vjolenza u kriminalita'.*

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għad-deċizjoni li ngħatat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Claire Pisani v. Avukat Ġenerali illum Avukat tal-Istat; Kummissarju tal-Pulizija**[23] deċiża fis-27 ta' Marzu 2020 fejn saħqet dwar l-"***obbligazzjonijiet pożittivi tal-Istat li jassigura r-rispett tal-ħajja privata u tal-familja***."

**Illi din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fiċ-ċirkostanzi fil-konfront tal-imputat, ma jistax ikollna sitwazzjonijiet fejn għax xi ħadd jgħidlek le għal relazzjoni tivvendika minnha jew tbeżżagħha billi tinħarqilha proprjeta' li jkollha fil-pussess tagħha. Il-kelma LE jew IEQAF għandhom ifissru biċ-ċar lil dik il-persuna li għandu jieqaf hemm. Il-Qorti temmen li anke jekk relazzjoni tkun ilha għaddejja jista' jasal iż-żmien li din tieqaf, ikun hemm *expiry date* u min ikun f'din ir-relazzjoni għandu jirrealizza li din intemmet u l-partijiet ikomplu fi triqithom b'mod separat.**

---

[23] Rikors numru 69/17 LSO deċiża mill-Prim Imħallef Joseph Azzopardi u l-Imħallfin Gianino Caruana Demajo u Anthony Ellul

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet u minnhom tilliberah u wara li rat Artikolu 317(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssibu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah tliet (3) snin priġunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C u 540A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Protezzjoni skont id-digriet hawn anness għal żmien ta' ħames (5) snin mil-lum.

Inoltre wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lura fi żmien sitt (6) xhur mil-lum lil Christiana Vella l-ammont ta' elf ewro (€1000) għad-danni li kkaġunalha fil-garage[24].

Din l-ordni għandha l-istess forza u effett u hija eżegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-parte leza Christiana Vella.

Finalment wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta'

[24] Dan huwa l-ammont li Christiana Vella ddikjarat li sofriet danni (Fol. 393).

elfejn tmien mija u tlieta u disgħin ewro u għaxar ċentezmi (€2893.10) bħala spejjeż peritali.

**Konfiska vettura**

Il-Qorti wara li rat artikolu 23 tal-Kap 9 tordna li l-vettura tal-imputat tal-għamla Mitsubishi bin-numru tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni FBF-494 li kienet fil-pussess tal-imputat fil-ġurnata li wettaq ir-reat ta' ħruq, tiġi konfiskata u tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti tordna divjet fuq isem il-parte civile minn kull mezz tax-xandir.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |